MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 474/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Joe Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hdax-il lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm211.44) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 4626 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn April 2002 u Awissu, 2002;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru, 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet**

**sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Gunju, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx ghalkemm ingunt in subizzjoni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hdax-il lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm211.44) bl-imghax legali mill-20 ta' Dicembru, 2002 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru, 2002, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------